# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 10**

**Rikors numru 194/17/2 RGM**

**Johnathon Borg**

**v.**

**Marie Jane Borg Lucey**

Preliminari:

1. L-attur appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tal-31 ta' Ottubru 2018 u talab lil din il-Qorti sabiex tibdel is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames talbiet tiegħu, tħassar dik il-parti fejn ċaħdet l-ewwel parti tas-sitt talba, u s-seba' u t-tmien talbiet, u minflok tilqa' l-istess bl-ispejjeż taż-

żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

2. Il-parti dispożittiva tas-sentenza tgħid:-

**<u>Rikors tal-Appell tal-attur Johnathon Borg (19.11.2018):</u>**

3. L-attur ilmenta mis-sentenza tal-ewwel Qorti għaliex għalkemm il-konvenuta kienet ordnata tħallsu manteniment ta' €300 fix-xahar mill-1 ta' Lulju 2015 (fir-rigward tat-tfal minuri), isostni li fir-realta` kien ser jibqa' b'xejn "*stante l-ħajja ixxellerata u vvizzjata li issa huwa saput kif tgħix mart l-appellant*". Jispjega li l-konvenuta qatt ma kellha introjtu fiss, l-ebda kont bankarju, l-ebda vetturi, u l-ebda assi immobbli (ħlief għal nofs id-dar matrimonjali li ġiet stmata fl-ammont ta' €45,000) u li għalhekk f'każ li jipproċedi għall-eżekuzzjoni permezz ta' atti eżekuttivi, mhu ser isib xejn. Ifakkar li skont l-ewwel Qorti malli jiskorru "*tliet snin wara s-sentenza appellata*" kull waħda mill-partijiet ikollha d-dritt tipproċedi biex tinbiegħ id-dar matrimonjali fejn kull parti tieħu nofs ir-rikavat, u allura jargumenta li l-ammont tas-sehem tagħha mid-dar, cioe` €22,500, ikun adirittura inqas mill-ammont dovut minnha bħala manteniment (skont hu, €24,000). Għalhekk huwa bil-preżenti appell jitlob lil din il-Qorti biex tirrevedi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti u li, minflok li l-konvenuta tkun ordnata tħallsu manteniment, il-qorti tassenja s-sehem tagħha mid-dar matrimonjali.

4. Il-konvenuta ma weġbitx għar-rikors tal-appell u lanqas m'attendiet għas-seduti.

**Fatti.**

5. Il-partijiet iżżewwġu fit-30 ta' Ġunju, 1998.

6. Huma sidien ta' dar 51, Bieb Bormla, Bormla li nxtrat waqt iż-żwieġ. Fond li l-perit Anthony Galea għamel stima tiegħu fl-ammnot ta' ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000).

7. Fiż-żwieġ twieldu tlett itfal li huma Brandon Borg (25.11.1998), Dwayne Borg (15.12.2000) u Kylise Borg (15.10.2003).

8. Il-konvenuta abbandunat lill-familja u t-tfal baqgħu jgħixu mal-attur.

9. B'sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2018 l-ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' tliet mitt euro (€300) kull xahar b'effett mill-1 ta' Lulju, 2015 bħala manteniment għaż-żewġt itfal minuri. Tat ukoll lill-attur il-jedd li jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali sakemm il-minuri li jgħixu miegħu jagħlqu 23 sena jew għall-perjodu ta' tliet snin minn meta ħadd mill-minuri ma jkun għadu jgħix miegħu, skont liema ġrajja sseħħ l-ewwel. Ordnat ukoll li, wara, kull parti jkollha l-jedd li titlob

il-bejgħ tad-dar u r-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejniethom.

**Konsiderazzjoni.**

10. Dwar il-bejgħ tad-dar matrimonjali (li inxtrat fiż-żwieġ u għalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti), jiġi ppreċiżat li l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kull waħda mill-partijiet kellha d-dritt li titlob il-bejgħ tagħha wara li jkunu għaddew tliet snin "*mid-data tas-sentenza*", kif jidher li fehem l-attur. L-ewwel Qorti (fil-provvediment tagħha dwar ir-raba' talba) ddikjarat li kull waħda mill-partijiet kellha d-dritt li titlob il-bejgħ tad-dar matrimonjali wara li:

(i) il-minuri li jkun għadu qed jgħix mal-attur, jagħlaq 23 sena; jew

(ii) ikunu għaddew 3 snin mill-jum li ħadd mill-minuri ma jkun baqa' jirrisjedi mal-attur fid-dar matrimonjali

skont liema sseħħ l-ewwel.

11. Dwar il-manteniment ta' €300 fix-xahar (ossia €150 għal kull wieħed mill-minuri, Dwayne u Kylise) stabbilit mill-ewwel Qorti fil-provvediment tagħha dwar it-tielet talba, jiġi ppreċiżat ukoll li l-ammont totali li suppost tħallas il-konvenuta hu €17,550 (cioe` sakemm dawn

jagħlqu 18-il sena rispettivament)[1] u mhux €24,000 (cioe` mill-1 ta' Lulju 2015 sa tliet snin mis-sentenza),[2] kif jidher li fehem u kkalkola l-attur.

12. Il-konvenut irid li l-manteniment li għandha tagħtih l-attriċi għal uliedhom jingħata lilu billi tassenja s-sehem li għandha fid-dar matrimonjali.

13. Ippreċiżat dan, din il-Qorti, wara li qieset skrupulożament iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, jidhrilha li dak li qed jitlob l-attur appellant fir-rikors tal-appell tiegħu huwa ġustifikat u jimmerita li jintlaqa'.

14. Mill-provi prodotti mill-attur jirriżulta li l-konvenuta mhix fi stat finanzjarju tajjeb. L-attur xehed illi sa xahrejn qabel ma abbandunat id-dar matrimonjali qatt ma ħadmet, u la kellha vetturi u lanqas ma kellha kontijiet il-bank ħlief għal joint account miegħu li pero` ma kienx hemm ammonti depożitati fih.

---

[1]**Kwantu għat-tifel minuri Dwayne**, dan twieled fil-15.12.2000 u allura għalaq it-tmintax-il sena fil-15.12.2018 u għalhekk bir-rata ta' €150 fix-xaħar għall-perjodu bejn l-01.07.2015 sal-15.12.2018 (cioe` 41.5 xhur) il-konvenuta għandha tħallas total ta' manteniment fl-ammont ta' **€6,225** (€150 x 41.5); **kwantu għat-tifla minuri Kylise**, twieldet fil-15.10.2003 u għalhekk ser tagħlaq it-tmintax is-sena fil-15.10.2021. Manteniment ta' €150 fix-xahar għall-perjodu bejn l-01.07.2015 sal 15.10.2021 (cioe` 75.5 xhur) il-konvenuta tkun ħallset total ta' manteniment fl-ammont ta' **€11,325** (€150 x 75.5). Pero` sal-lum dovut il-manteniment mill-1 ta' Lulju, 2015 sad-data ta' din is-sentenza.

[2]L-attur jidher li wasal għas-somma ta' **€24,000** billi:

- mill-01.07.2015 sal-31.10.2018 (perjodu ta' 40 xahar) ikkalkula li l-manteniment mensili ta' €300 (€150 għal kull minuri Dwayne u Kylise) jammonta għal **€12,000**, u
- imbagħad għall-perjodu sussegwenti ta' tliet snin (jidher li erronjament fehem li l-manteniment ta' €300 fix-xahar kellu jibqa' jitħallas sa tliet snin mis-sentenza) ikkalkula li l-konvenuta jiġi li għandha tħallas **€12,000 oħra** (minkejja li tliet snin fi kwalunkwe każ jiġu 36-il xahar u mhux 40 xahar, u minkejja li Dwayne lanqas kien għadu minuri).

15. Mill-provi li tressqu irriżulta li l-konvenuta mhijiex persuna li wieħed jista' jorbot fuqha. Dan qed jingħad mhux biss għaliex f'Lulju 2015 abbandunat mhux biss lil żewġha iżda wkoll lit-tliet uliedha, iżda wkoll għaliex jidher li hija vittma tal-abbuż ta' droga, tant li ġieli ddaħħlet l-isptar minħabba *overdose,* u adirittura kienet anke ġiet irrappurtata fil-midja f'April 2018 (cioe` wara li kienet diġa` telqet mid-dar u l-kawża kienet pendenti) li ommha nstabet mejta fid-dar wara tlitt ijiem, filwaqt li l-konvenuta instabet mitlufa minn sensiha ħdejha minħabba *overdose.* F'dan ir-rigward issir riferenza għas-segwenti xiehda:

- Christine Borg (omm l-attur) – affidavit datat 07.05.2018:

> *"…Marie Jane Lucey minn żmien ilu kienet ġieli naraha illi ħadet xi pilloli żejda u kienet mhux darba ddaħħlet l-isptar b'overdose…*
>
> *"..naf illi xi ġimgħatejn ilu, anke kienet fl-aħbarijiet, billi ommha instabet mejta wara 3 ijiem u Lucey cioe` mart ibni kienet mitlufa minn sensiha allegatament skont il-media b'overdose".*

- Tyron Borg (hu l-attur) – xhieda tal-04.05.2018:

> *"Dan l-aħħar konna qed naraw l-aħbarijiet madwar 11pm jien u t-tfajla tiegħi u smajt li l-mara ta' ħija kienet mitlufa minn sensiha u ommha mejta. Ċempilt lil ħija biex nikkonferma li kienet martu u qalli li hekk kien".*

- Bradon Borg (it-tifel il-kbir tal-partijiet) – xiehda tal-04.05.2018:

> *"Dan l-aħħar fit-13 ta' April 2018 kont qiegħed id-dar u ġie ħija fuqi bil-mobile u wrieni ritratt tal-aħbarijiet u staqsieni jekk kienx il-bieb tan-*

*nanna. Jien il-bieb tan-nanna għaraftu u għidtlu iva. Sakemm mar jgħid lil missieri jien qrajt li kien hemm in-nanna mejta u kienet iliha 3 ijiem u ommi overdosed mitlufa minn sensiha dan nafu mill-aħbarijiet".*

16. Jirriżulta wkoll li l-valur tad-dar matrimonjali li tinsab 51, Bieb Bormla, Bormla hija ta' €45,000. Dan skont stima tal-perit *ex parte* Anthony Galea fir-rapport konfermat bil-ġurament fid-19 ta' Jannar 2018 fejn qal huwa perit tal-gvern li qiegħed fuq iż-żoni ta' Cospicua, Isla, Kalkara u Birgu. Fir-rapport spjega li d-dar żgħira u antika u m'għandhiex aċċess direttament mit-triq:

*"Site consists of a small townhouse on two floors. Access to the site is not directly from the street since the street in front of the house contains stairs leading from one street level to the other lower street level. The site consists of one room at ground floor containing an entrance sitting room combined to a very small kitchen on the inside. A flight of steps give access to the first floor containing one bedroom. Another flight of steps give access to the second floor containing another bedroom. Only the bedrooms have balconies to the outside whilst the living room has a small window. The airspace belongs to this property and is accessible through a flight of steps.*

*"The rooms are very small and the finishes are very old. Also the construction of the house is very old.*

*"I, the undersigned Architect and Civil Engineer, estimate the above site at a value of Euro 45,000 (forty five thousand Euro)".*

17. Pero` l-problema li hemm għat-talba tal-attur hi li ma jidhirx li hemm dispożizzjoni ta' liġi li qiegħda tikkontempla dak li jrid l-attur. L-Artikolu 54 jipprovdi:

*"(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta tiġi deċiża l-firda, il-qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li* ***tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu****, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi* ***l-***

***manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra**, skont il-każ.*

*"(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5), il-qorti għandha, fost iċ-ċirkostanzi, **tqis il-possibilità li l-persuna li lilha għandu jitħallas manteniment tkunx tista' tirċievi taħriġ jew taħriġ mill-ġdid fi professjoni, arti, sengħa jew ħidma oħra, jew biex tibda jew tkompli ħidma li toħloq dħul ta' flus, u tordna l-ħlas ta' somma globali għal dak l-iskop**.*

*"(7) Il-qorti tista' tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.*

*"(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni".*

18. Dispożizzjoni li l-Qorti tifhem li qiegħda tirreferi għall-każ fejn il-parti għandha l-obbligu li tħallas lill-parti l-oħra manteniment skont subinċiż (1) tal-Artikolu 54, u mhux fejn parti għandha l-obbligu li tħallas manteniment lill-ulied li jissemma f'subinċiż (2). Fil-fatt subinċiż (5) jirreferi għall-manteniment li parti *"tħallas lill-parti l-oħra"*, li hu l-istess kliem ta' subinċiż (1). Dan apparti li mis-subinċiż (6) hu evidenti li dik id-dispożizzjoni qiegħda hemm sabiex tagħti l-opportunita lil dik il-parti, li għandha tirċievi manteniment għaliha, li issir indipendenti mill-parti l-oħra u biex tieħu t-taħriġ li hemm bżonn għal dak il-għan.

19. Għalhekk billi dak li qiegħed jipproponi l-attur ma jidhirx li hu possibbli skont il-liġi, il-qorti ser tiċħdu. L-uniku rimedju li għandu l-attur sabiex il-konvenuta tħallas il-manteniment dovut lit-tfal, hu li jitlob il-ħruġ tal-att eżekuttiv relattiv fuq is-sehem li għandha martu fid-dar

matrimonjali.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih.**

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm